MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 1394/2010

**J&C Contracts Limited C13386**

**vs**

**Gaetano Mallia Bonello**
**Mario Bellia**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ qed jintalab li l-konvenuti, jew min minnhom jirrifondu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlet mija wiehed u disghin ewro (€1,391.00c) jew somma verjuri, u dana bhala ammont imhallas indebitament in konnessjoni ma xoghol t'appalt. Bl-ispejjes kif mitluba u mghaxijiet

**Ra** li bhala RISPOSTA hemm li t-talba attrici hi nfondata billi l-konvenuti wettqu x-xoghol miftiehem. Il-konvenuti ressqu KONTROTALBA fejn talbu hlas ta' elf u seba' mitt

Ewro (€1,700.00c) ghal xogholijiet imwettqa f'S. Venera, Bugibba, M'Scala u Siggiewi li ghalihom ma thallsux.

**Ra** r-RISPOSTA ghall-kontro-talba (*a fol* 113) li tghid li dak li hemm mitlub hu nfondat.

II PROVI

1. Joseph Chetcuti, direttur tas-socjeta' attrici li taghmel xoghol ta' kostruzzjoni qal li hu kien qabbad lill-konvenuti Gaetano Mallia Bonello u Mario Bellia kif ukoll lil Robert Magro u Oreste Mangion bhala bennejja fuq progetti f'S. Venera, M'Scala, Siggiewi u S. Pawl il-Bahar. Dana b'tariffa kif minnu dettaljat f'affidavit esebit *a fol* 21/22. Hadmu mieghu bejn April 2009 u Novembru 2009. Hu kien hallas €800 fil-gimgha f'daqqa liz-zewg konvenuti – b'cekk daqqa fuq isem wiehed u daqqa fuq isem l-iehor. Hlas akkont qabel it-tkejjil. L-istess kien jaghmel ma Magro u Mangion u qatt ma kellu xi lment minn xihadd minnhom.

2. F'Novembru 2009 spiccaw ix-xoghol fis-Siggiewi u sab li flok kellu jaghti lil dil-haddiema, kellhom jaghtu lilu huma. Skond kejl tal-perit Naudi. Meta kellem lil Magro u lil Mangion dawn tawh flus lura bla problema. Mhux l-istess fil-kaz tal-konvenuti. Darba cemplet il-mara tax-xhud lil Mallia Bonello u dan wiegeb li kellu jsiefer u zied "mela qed jahseb li m'inhix ser inhallsu?" Wara bdew joggezzjonaw u spicca biex baghat ittra bl-avukat. Hawn Bonello qal li kien ha ghalih.

3. Liz-zewg konvenuti kien selifhom zewg serratizzi ghal xoghol privat taghhom u tawhomlu lejliet li kellhom jidhru l-Qorti Kriminali tal-Magistrati fuq il-kaz. Hu esebixxa kopja ta' cekkijiet li juru l-hlas zejjed ta' €1391 (*a fol* 24 *et seq*). B'Nota gew esibiti kopji ta' ricevuti *a fol* 52 *et seq.*

4. Il-**<u>Perit Robert Naudi</u>** esebixxa bhala Dok RN1 u 2 (*a fol* 67/70 u *a fol* 92/98) kontijiet ta' kejl u ammonti relativi. Qal li ilu snin ikejjel xoghol tal-kumpanija attrici. Il-prattika tieghu hi li jaghmel appuntament mal-bennej u

jmorru flimkien fuq is-sit. Hu jimxi fuq li jghidlu l-bennej dwar dak li jkun bena hu. Fil-kaz mertu tal-kawza, hu mar f'sit go M'Scala u iehor fis-Siggiewi. Kien ta kopja tal-kejl esebit lill-konvenuti. Accerta li xihadd mill-benneja irid ikun prezenti u akar milli jkun iltaqa maghhom fuq is-sit ma jafhomx.

5. Meta raga xehed in kontro-ezami il-Perit Naudi qal li dwar il-fond ta' S. Pawl-il Bahar hu kien ta' kopja liz-zewg konvenuti. Il-kontijiet huma marbuta ma kostruzzjoni u mhux ma xoghol iehor bhal garr jew tnehhija ta' haxix. Hu qatt ma rcieva oggezzjoni m'ghand il-konvenuti la fuq xoghol u anqas fuq stima.

6. Il-konvenut **Gaetano Mallia Bonello** xehed b'affidavit (*a fol* 90) u kkonferma li ghamlu xoghlijiet lis-socjeta' attrici f'diversi lokalitajiet u ma thallsux tieghu u, kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta' attrici huma ghandhom jiehdu minghandha u mhux x'jatu lilha. Irrifera ghal xoghlijiet f'Santa Venera, li ma kienx kompitu taghhom li jaghmlu. Dax-xoghol wahdu jiswa €1,500. Sar xoghol ukoll f'M'Scala. B'kollox jiswa €3,160. Minn dawn ircevew biss €1,400 u allura jonqoshom jiehdu €1,760.

7. Il-konvenut **Mario Mallia** fl-affidavit tieghu (*a fol* 91) qal semplicement li qara l-affidavit tal-konvenut l-iehor u jikkonferma li fih.

8. In kontro-ezami **Joseph Chetcuti** qal li bejn il-kontendenti ma kienx hemm ftehim bil-miktub. Ma qabilx ma dak li ntqallu li r-rata ta' xoghol ma kienetx tikkomprendi il-hatt tal-materjal pero qatt ma garrew xejn. Fuq lant ta' xoghol hu kellu x'jaqsam ma diversi nies u dejjem bl-istess sistema. Kienu hattew opramorta u qatghu xi haxix – bhalma ghamlu ohrajn li ta' dan ma ppretendew xejn. L-inkwiet beda meta ghamel il-kontijiet u sab li l-konvenuti kellhom ituh. Cahad li l-konvenuti kienu joggezzjonaw ghal xihaga meta jghaddilhom il-hlas. Dwar li l-konvenuti riedu ftehim bil-miktub ix-xhud qal li m'ghandu ebda idea ta' dan.

9. In riezami, qal li hu ma kienx ikun prezenti waqt il-kejl. Il-konvenuti qatt ma talbuh is-somma ta' €1,400, "bdew joholmu bihom wara", wara li nfethet il-kawza.

10. Il-konvenut **<u>Gaetano Mallia Bonello</u>** qal, in kontro-ezami li l-pretensjoni fil-kontro-talba hi bazata fuq ir-rata tal-gurnata u mhux fuq kejl. M'ghandux x'jaqsam li haddiehor ma thallasx ta' qtugh ta' haxix. Hu kien prezenti ghall-kejl tal-perit u qabel mieghu.

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL, wara li ezamina l-provi u gharbel sew in-NOTI ta' Sottomissjonijiet, iqis kif gej:-

1. L-ewwel osservazzjoni hi kemm hi haga mixtieqa li ftehim dwar esekuzzjoni ta' xoghol isir bil-miktub u mhux biss tal-fomm – prattika li tati lok ghal abbuzi, zbalji u *misunderstandings*. Nuqqas ta' kitba tfisser ukoll diffikulta' akbar ghal min irid jiddeciedi u jasal ghal konkluzzjonijiet li izda wara kollox, xorta jrid jiddeciedi. Il-konvenut Mallia Bonello qal li hu talab il-kitba u s-socjeta' attrici ma tatx kaz. Joseph Chetcuti qal li ma jafx b'dan. It-TRIBUNAL ihoss illi kieku l-konvenuti riedu kitba, huma kienu jaslu ghaliha.

2. Hawn ghandna **zewg** pretensjonijiet: is-socjeta' attrici qed titlob rifuzjoni ta' €1,391.00 li tghid li hallset zejda liz-zewg konvenuti waqt li dawn qed jitolbu, permezz ta' kontro-talba, hlas €1,760 ghal xoghol zejjed, jigifieri 'l hinn minn dak miftiehem u dana a beneficcju tas-socjeta' attrici.

3. Hawn ta' min iqis li s-socjeta' attrici kellha 4 bennejja, fosthom iz-zewg konvenuti li, milli jidher, kienu ras ma ras u mbaghad kien hemm tnejn ohra. Dawn tal-ahhar, rinfaccjati b'talba simili ghal dik odjerna, hallsu u ma ppretendew xejn ta' xi xoghol extra izda mhux l-istess ghamlu l-konvenuti. Veru li dan mhux xi fattur determinanti favur is-socjeta' attrici izda qieghed **prezenti wkoll** fl-isfond ta' kollox.

4. Jirrizulta zgur dan:-

a) Dwar ir-rata ta' xoghol m'hemmx problema.

b) Sar kejl mill-perit Robert Naudi imqabbad mis-socjeta' attrici. Il-perit qal li hu, bhala prattika kostanti, ikejjel fil-prezenza tal-bennej u allura hekk sar ukoll fil-kaz prezenti. Dwar dan qabel il-konvenut Gaetano Mallia Bonello. Wara isiru stimi fuq il-kejl maqbul. Il-perit qatt ma rcieva xi lment minghand il-konvenuti.

5. Il-kwistjoni vera hi jekk hux dovut lill-konvenuti xi hlas extra ghal xoghol extra. Hawn jigi notat li qatt ma kien hemm xi ftehim preventiv fir-rigward u ma saret ebda prova li tassew sar xoghol "extra" li jmur 'l hinn minn dak kopert bir-rati miftehma ghall-bicca xoghol li l-partijiet kellhom quddiemhom u li l-istess konvenuti kienu qed jaraw quddiem wicchom.

6. Joseph Chetcuti jallega li l-pretensjoni tal-kontro-talba qamet meta l-konvenuti gew rinfaccjati bit-talba permezz tal-AVVIZ odjern. Il-konvenuti qalu li dan semmewh qabel (fil-fatt hemm l-affidavit elaborat ta' Gaetano Mallia Bonello u l-konvenut Mario Bellia semplicement qabel mieghu) izda meta ssemma li l-AVVIZ kien precedut minn ittra ufficjali 152/10 a tenur tal-Art 166A u fir-risposta ghal din ma ssemmiet ebda pretensjoni li tati lok ghal kontro-talba, ma kien hemm ebda risposta ghal dan.

7. Di piu', dwar l-entita' tax-xoghol suppost "extra" u rati ghalih (maqbula jew le) u dwar xi kejl ma ngiebu provi ta' xejn.

8. Fic-cirkostanzi, it-TRIBUNAL ihoss li l-pretensjoni tal-konvenuti ma tregix.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi **jichad** it-talba tal-konvenuti kontenuta fil-kontro-talba u dana wara li 2) **jilqa** l-eccezzjoni tas-socjeta' attrici dwar l-imsemmija kontro-talba 3) **jichad** l-eccezzjoni tal-konvenuti fir-rigward tat-TALBA kontenuta fl-AVVIZ u 4) **jilqa** t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu, *in solidum* bejniethom,

lis-socjeta' attrici il-*quantum* mitlub ta' elf, tlett mija wiehed u dighin ewro (€1,391.00c) liema hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mil-lum u 5) **jikkundanna** lill-konvenuti *in solidum* biex ihallsu l-ispejjes tal-kawza u tal-kontro-talba u dawk l-ispejjes l-ohra mitluba fl-AVVIZ u 6) fuq il-*quantum* imsemmi jibda ghaddej l-imghax mill-wiehed u tletin jum mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv jekk il-hlas ma jsirx fi zmien tletin jum kif indikat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------